MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 1060/2002/1

**Combinations Limited**

**v.**

**Lukanda Limited**

**Il-Qorti:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` Lukanda Ltd prezentat fl-20 ta' Settembru 2002, li jghid hekk:
"1. Illi s-Sekwestru fl-ismijiet fuq imsemmija gie mahrug billi skond is-socjeta` sekwestranti hi giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta` esponenti fis-somma ta' tnejn u

ghoxrin elf, seba' mija u seba' Liri Maltin (Lm22,707.00) oltre l-imghax legali.

"2. Illi, il-kundanna ghall-hlas qatt ma skattat u saret ezegwibbli stante li fis-Sentenza tat-2 t'Ottubru, 1996 kif konfermata mis-Sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 t'Ottubru, 2000 is-socjeta` sekwestrata kienet ordnata tirritorna lis-socjeta' sekwestranti l-mija u sitt (106) "Combi-Lock Safes" fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-Sentenza u fin-nuqqas biss kellha topera l-kundanna kif ahjar jirrizulta mill-kopja ta' l-istess Sentenza li qed tigi hawn esebita u markata Dok. "A".

"3. Illi, effettivament is-socjeta` esponenti kienet offriet entro l-imsemmi perijodu ta' hmistax-il (15) jum l-istess mija u sitt (106) "Combi-Lock Safes" lill-istess socjeta` sekwestranti, li pero` minghajr gusta kawza fl-*in toto* irrifjutathom u ghalhekk is-socjeta` esponenti ghaddiet ghad-depozitu taht l-Awtorita` ta' din l-Onorabbli Qorti permezz ta' Cedola ta' Depozitu numru 1115/00 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u markata Dok. "B".

"4. Illi, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, is-socjeta' sekwestranti ma tistax titlob l-ezegwibilita` tal-kundanna ghall-hlas, peress illi din qatt ma skattat stante l-offerta skond il-ligi li saret u d-depozitu taht l-Awtorita` ta' Din l-Onorabbli Qorti.

"5. Illi, di piu` jirrizulta illi oltre l-Mandat ta' Sekwestra fuq imsemmi, ghall-istess pretensjoni tas-sekwestrant, l-istess sekwestrant diga` hareg Mandat ta' Sekwestru iehor numru 1227/93 li kopja tieghu qed tigi hawn esebita u markata Dok. "C", liema Sekwestru baqa' jigi prorogat u ghadu fis-sehh sal-gurnata tal-llum.

"Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti a tenur ta' l-Artikolu 283(A) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet – tirrevoka u thassar *in toto* l-Mandat ta' Sekwestru 1201/02 fuq imsemmi wara li taghti l-opportuni provvedimenti."

Rat ir-risposta pprezentata mis-socjeta` Combinations Ltd., li in forza taghha eccepiet illi:
"Illi b'referenza ghall-ewwel zewg paragrafi tar-rikors promotur, u minkejja dak li fih jinghad, is-socjeta` esponenti ssostni illi t-tieni dispozittiv tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000, esebita bhala Dok. A. mar-rikors promotur skatta, u dana peress illi s-socjeta` Lukanda Limited baqghet inadempjenti billi naqset milli toffri s-safes mertu ta' l-istess kawza entro t-terminu stabbilit fl-istess sentenza u oltre dan billi l-istess socjeta` abbuzat mis-sistema gudizzjarja billi ghaddiet sabiex tiddepozita l-istess safes taht l-awtorita` tal-Qorti meta ma huwa veru xejn li l-istess safes gew offruti mis-socjeta` Lukanda Limited u rifjutati mis-socjeta` Combinations Limited;

"Illi dan il-punt huwa effettivament mertu ta' proceduri pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili bin-numri 1065/02JA fl-ismijiet Lukanda Limited v. Combinations Limited, liema kawza ghad trid tigi deciza, u permezz ta' liema s-socjeta` Lukanda Limited qieghda titlob lil din il-Qorti tannulla, tirrevoka u thassar l-atti tas-subbasta bin-numru 97/2002;

"Illi fid-dritt, ir-revoka ta' mandat ezekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 283A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jista' jigi ordnat biss meta tinghata mir-rikorrenti raguni valida fil-ligi, u fil-fatt is-socjeta` rikorrenti ma tat l-ebda raguni valida fil-ligi fir-rikors odjern ghaliex tali mandat ghandu jigi revokat, oltre l-fatt, kif gia` nghad, illi dan il-punt huwa wiehed kontestat u li dwaru jezistu proceduri li ghadhom pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti;

"Illi ulterjorment, ir-revoka tal-mandat sejra tohloq pregudizzju serju lis-socjeta` esponenti f'kaz ta' ezitu posittiv ghaliha fil-procedura li ghalihom saret referenza li ghadhom pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti;

"Illi b'referenza ghall-hames paragrafu tar-rikors promotur, dak li naqset milli tindika s-socjeta` rikorrenti huwa illi filwaqt li l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1227/93 huwa mandat kawtelatorju li permezz tieghu s-socjeta`

esponenti kienet qieghda tikkawtela d-drittijiet taghha, il-mandat odjern huwa wiehed ezekuttiv li nhareg wara li l-Qorti ta' l-Appell tat is-sentenza taghha nhar is-6 ta' Ottubru 2000, u ghalhekk f'kull kaz is-socjeta` rikorrenti messha talbet r-revoka tal-mandat kawtelatorju u mhux ta' dak ezekuttiv, li f'dan l-istadju ghad ghandha kull interess zzomm ferm;

"Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talba tas-socjeta` Lukanda Limited ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 1201/02 ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta`."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' April 2006, li in forza taghha, iddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"tichad l-eccezzjonijiet kontenuti fir-risposta tal-intimati u tilqa' t-talba tar-rikorrenti billi tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 1201/02; izda tawtorizza lis-socjeta` intimata biex tirriprendi l-pussess tas-*safes* oggetti tal-vertenza mill-awtorita` tal-Qorti; b'dan illi kull spiza fir-rigward tkun a kariku tas-socjeta` rikorrenti.

"L-ispejjes ta' dawn il-proceduri jkunu bla taxxa."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-punt in kostestazzjoni f'din il-kawza huwa jekk ir-rikorrenti ottomperawx ruhhom mas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet inversi deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2000.

"Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma dawn. Is-socjeta` rikorrenti giet ikkundannata permezz ta' l-istess sentenza tirritorna lis-socjeta` intimata numru ta' Combi Safe Locks fi zmien hmistax il-gurnata mid-data tas-sentenza u in mankanza ta' dan thallas is-somma indikata fir-rikors. L-istess socjeta` rikorrenti ssostni li hija offriet li tikkonsenja l-oggetti imsemmija izda wara xi disgwid iddepositathom taht l-awtorita` tal-Qorti fit-18 ta' Ottubru, 2000. Zmien wara pero` s-socjeta` intimata inizjat il-proceduri esekuttivi imsemija fir-rikors. L-konvenuti da parti taghhom isostnu li

ma hux minnu li r-rikorrenti adempjew l-obligazzjoni kontenuta fis-sentenza msemmija u ghalhekk kienu awtorizzati jinizjalaw il-proceduri. Ghal kull buon fini ghandhu jinghad illi din il-kawza qed issir kontestwalment ma' dik fl-istess ismijiet bin-numru 1065/2002.

"Id-dispositţiv tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili jghid hekk;(skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell illi kkonfermatha); *tat 15 il-gurnata improrogabbli (lill-konvenuti) biex jirritorna l-imsemmija safes skond kif miftiehem bejn il-kontendenti fil-klawsola sitta tal-ftehim tat-2 ta' Novembru, 1988 u fin-nuqqas jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, seba' mija u sebgha u sebghin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm22,777. 22) bl-imghax u spejjes kontra l-konvenut.*

"Mhux kontestat li mmedjatament wara s-sentenza Michael Ciappara u Joseph Caruana iltaqghu f'isem is-socjetajiet kontendenti biex b'xi mod issir l-esekuzzjoni tas-sentenza b'mod sodisfacenti izda ma ntlahaqx ftehim fuq il-prezz ghaliex jidher li s-socjeta` rikorrenti pprovat tixtri s-*safes* minflok tikkonsenjahom. Jidher allura li mbaghad l-atturi (intimati f' dawn il-proceduri) qatghu qalbhom li jesgwixxu s-sentenza fil-hin (skond Ciappara din l-operazzjoni kellha tiehu iktar minn tlett gimghat) u probabilment fuq parir legali iddepostawhom il-Qorti anke jekk x'aktarx dan id-depositu kien simboliku ghaliex l-oggetti kienu ghadhom ghandhom. Madankollu l-fatt hu li legalment minn dak in nhar kienu taht l-awtorita tal-Qorti u l-konvenuti ma ghamlu xejn biex jikkontestaw dan id-depositu, ghalkemm il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet Richard Caruana vs Silvio Felice (3 ta' Jannar, 1990) irriteniet li ma kienx necessarju ghall-intimat li jattakka l-validita` tac-cedola b'xi azzjoni *ad hoc*, izda *biex id-depositu jkun jiswa' daqs il-hlas huwa kompitu tal-konvenut li jipprova sodisfacentement li tali depositu kien maghmul skond il-ligi. Huwa risaput illi biex id-debitur jezimi ruhu mir-responsabilita` f'kaz li l-kreditur ma jkunx irid jiehu l-hlas l-istess debitur ghandu jghaddi ghad-depositu wara li l-hlas ikun validament offrut lill-kreditur.* Fil-kawza fl-ismjiet MAC Limited vs Said International

Limited (9 ta' Ottubru, 2003) din il-Qorti qalet ftit jew wisq l-istess haga.

"F'dan il-kaz pero` l-kwistjoni kienet ftit iktar ikkomplikata ghaliex minhabba n-natura tal-oggetti d-depositu ma kienx daqshekk facili anke ghaliex skond ix-xhud Ciappara, rapresentant tas-socjeta` rikorrenti, biex il-*locks* jinqalghu kienet operazzjoni li tiehu circa tlett gimghat u huma kellhom hmistax il-gurnata skond is-sentenza biex jirritornaw l-oggetti. Il-Qorti ma tikkondivix l-attegjament tal-imsemmi xhud li donnu ppretenda illi l-intimati jmorru huma ghall oggetti mertu tal-kawza bejniethom. Ir-rikorrenti fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom staqsew kellhomx jiehdu l-oggetti fuq *truck* quddiem l-ufficini tal-konvenuti u skond huma *jaghmlu show.* Il-Qorti ma ordnatilhomx jaghmlu *show* izda kienu fl-obligu huma li jirritornaw l-oggetti. Li gara kien li billi fil-frattemp saret trattativa superficjali biex huma jixtru s-*safes*, lahaq ghadda iktar zmien. Huwa veru li l-intimati setghu baghtu lill xi rapresentant taghhom biex jigbru s-*safes* huma izda fil-verita` ma kellhom ebda obligu jaghmlu dan. Ma ghamlux pero` lanqas huma sew ghal inqas mill-aspett morali li minghajr pre-avviz bdew l-eskuzzjoni tas-sentenza sentejn wara dawn il-fatti meta allura d-depositu kien ilu li sar.

"Huwa car li fil-waqt li l-ligi taghti lill-kreditur il-mezzi kollha necessarji biex jithallas, tipprotegi lid-debitur mill-abbuz tal-proceduri legali u dan wiehed jirriskontrah f'diversi artikoli tal-Kapitolu 162. Ghalhekk per esempju fil-kawza citata mill-atturi Pio Abela vs Emma Sammut Pullicino deciza mill-Prim'Awla tad-29 ta' Jannar, 1960 il-Qorti dehrilha li kellha tikkumenta hekk;

"*"Huwa veru li dan id-depositu li sar mill-attur qabel il-mandat ma jekwavilix ghal pagament billi ma jirrivestix ir-rekwisiti legali. Huwa veru li dan id-depositu ma sarx wara offerta ta' hlas u rifjut mill-konvenut skond l-Artikolu 1216 tal-Kodici Civili izda evidentement sar biex l-attur jissalvagwadja d-drittijiet tieghu ...*"

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandha tapplika ukoll dan il-principju ghaliex ma jkunx gust illi l-intimati japprofittaw ruhhom mis-sitwazzjoni u jigu kompensati eccessivament ghall-kreditu taghhom meta in effetti is-sentenza in kwistjoni primarjament ordnat ir-ritorn tal-oggetti liema oggetti effetivament illum huma taht l-awtorita` tal-Qorti. Billi pero` l-Qorti tista' taghti l-provvedimenti li jidrilha skond is-subinciz erbgha tal-Artikolu 283A li tahtu saru dawn il-proceduri se taghti provvediment biex tassikura r-ritorn ta' l-oggetti a spejjes tar-rikorrenti."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` Combinations Ltd. li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u konsegwentement tichad it-talbiet tas-socjeta` Lukanda Limited kif kontenuta fir-rikors, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha;

Rat ir-risposta ta' l-appell tas-socjeta` rikorrenti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li l-appell jigi michud, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, il-punt in kontestazzjoni f'din il-kawza huwa jekk ir-rikorrenti ottemperawx ruhhom mas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet inversi deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 2000. B'dik is-sentenza, din il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li kienet ikkundannat lis-socjeta` Lukanda Ltd. sabiex fi zmien hmistax-il gurnata improrogabbli tirritorna 106 "Combi-Lock Safes" skond kif miftiehem bejn il-kontendenti fil-klawsola 6 tal-ftehim tat-2 ta' Novembru 1988, u fin-nuqqas ikkundannat lill-istess socjeta` thallas lis-socjeta` attrici l-valur ta' l-istess *safes* ammontanti ghal Lm22,707.32c. Il-kundanna kienet saret wara li kien irrizulta li s-socjeta` Lukanda Ltd, kienet qed tikri s-*safes* lill-klijenti residenti minghajr ma ssegwi l-procedura

stabbilita fil-kuntratt u minghajr ma tghaddi l-flus lis-socjeta` Combinations Ltd. Skond klawsola 6 tal-ftehim, darba jkun jirrizulta illi "*the business is not satisfactorily conducted*", il-ftehim "*shall be considered as having been terminated*".

Wara li nghatat is-sentenza minn din il-Qorti, ufficjali tas-socjeta` Lukanda Ltd. avvicinaw lill-ufficjali tas-socjeta` Combinations Ltd. biex jaraw kif setghet tigi esegwita s-sentenza. Jidher li, fil-bidu, is-socjeta` Lukanda Ltd. offriet li tixtri l-istess *safes*, pero`, wara li ma sarx qbil fuq il-prezz, l-ufficjali ta' Lukanda Ltd. infurmaw lis-socjeta` Combinations Ltd. li setghet tmur tiehu s-*safes*. Din l-ahhar socjeta` ma marritx tigbor is-*safes*, u fl-10 ta' Ottubru 2000, il-legali tas-socjeta` Lukanda Ltd. kiteb lis-socjeta` Combinations Ltd. fis-sens li bil-prezenti kien "qieghed jirritorna lilek il-mija u sitt 'Combi-Safes' imsemmija fl-istess sentenza sabiex jigu liberament ritirati minnek minnufih"; is-*safes* f'dak il-mument, kienu ghadhom imwahhlin fil-kumpless ta' Lukanda Ltd. Wara li s-socjeta` Combinations Ltd. ma rtiratx is-*safes*, dawn gew depozitati formalment u simbolikament (peress li thallew fejn kienu ghand Lukanda Ltd.) taht l-Awtorita` tal-Qorti.

L-ewwel Qorti sabet li d-depozitu maghmul minn Lukanda Ltd. ma kienx wiehed validu, ghax hi kellha obbligu <u>tirritorna</u> s-*safes* u mhux tippretendi li s-socjeta` Combinations Ltd. tmur hi taqla' u tigbor is-*safes*. L-ewwel Qorti, pero`, laqghet it-talba tas-socjeta` Lukanda Ltd. (li ma tkunx mitluba thallas il-valur tas-*safes*), ghax ma kienx sew "ghal anqas mill-aspett morali", li s-socjeta` Combinations Ltd. tibda l-esekuzzjoni tas-sentenza sentejn wara dawn il-fatti, meta allura d-depozitu kien ilu li sar.

Is-socjeta` Combinations Ltd. appellat minn din is-sentenza u tissottometti li ladarba kien irrizulta li s-socjeta` Lukanda Ltd. ma ottemperatx ruhha ma' l-ordni tal-Qorti, skattat l-ordni tal-hlas kif definita minn din il-Qorti u kull ma kellha taghmel dik il-Qorti kien li tenforza l-istess sentenza.

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul fuq il-kwistjoni, hi inklinata li taqbel ma' l-argumenti tas-socjeta` Combinations Ltd. Is-socjeta` Lukanda Ltd. instabet responsabbli li kisret ftehim li kellha mas-socjeta` Combinations Ltd., u giet ordnata "tirritorna" s-*safes* fi zmien hmistax-il gurnata. F'dak it-terminu (deskritt bhala improrogabbli mill-Qorti), hi ma kellhiex haga ohra li taghmel hlief li taqla' s-*safes* minn fejn kienu u tirritornahom lis-socjeta` Combinations Ltd. Hi ma kellhiex toffrihom lil dik is-socjeta`, lanqas tghidilha li setghet tehodhom, imma kellha **tirritornahom.**

Din il-Qorti tara li l-kwistjoni dibattuta dwar jekk id-depozitu kienx wiehed validu jew le, mhux rilevanti ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni. Is-socjeta` Lukanda Ltd. tissottometti li hi offriet is-*safes* lis-socjeta` Combinations Ltd., u peress li din ma indikatx li kienet sejra taccetta l-offerta, ghaddiet ghad-depozitu taghhom. Is-socjeta` Lukanda Ltd., pero`, ma kellhiex toffri s-*safes*, izda tirritornahom. Da parti tas-socjeta` Combinations Ltd. ma kien hemm xejn x'taccetta jew ma taccettax, ghax dak li ordnat il-Qorti kien li s-*safes* jigu ritornati lis-socjeta` Combinations Ltd. Is-sentenzi tal-Qrati jridu jigu obduti u segwiti *ad literram*, u kien biss jekk is-socjeta` Combinations Ltd. tirrifjuta li zzomm is-*safes* debitament ritornati lilha, is-socjeta` Lukanda Ltd. kienet tkun gustifikata li tiddepozita l-istess - dan b'mod reali u mhux billi thallihom imwahhlin fil-kumpless taghha!

Is-socjeta` Lukanda Ltd. tilmenta wkoll li nghatat ftit zmien wisq biex taqla' is-*safes* u tirritornahom lis-sid. It-terminu ta' hmistax-il gurnata, pero`, gie impost mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-proceduri l-ohra, u ghalkemm is-socjeta` interpellat appellat, ma ilmentatx miz-zmien qasir koncess u lanqas ma gabet ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti xi problemi li ravvizat ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza fit-terminu stipulat. Kwindi ma tistax issa tilmenta miz-zmien lilha koncess.

Din il-Qorti tara wkoll li r-rimedju alternattiv moghti mill-ewwel Qorti jkun ta' pregjudizzju kbir ghas-socjeta` Combinations Ltd. li rebhet il-kawza. L-ewwel Qorti

awtorizzat lil din is-socjeta` tmur hi tirriprendi l-pussess tas-*safes*, a spejjez tas-socjeta` Lukanda Ltd. Dan ikun ifisser li, jekk is-socjeta` Lukanda ma tikkoperax, is-socjeta` Combinations Ltd. tkun trid titlob l-isgass mill-Qorti biex ikollha access ghas-*safes*, u wara tiftah kawza ohra biex tikkanonizza r-reklam taghha ghall-ispejjez inkorsi - u dan wara din il-Qorti ipprovdiet hi rimedju iehor alternattiv u anqas ikkomplikat f'kaz li s-socjeta` Lukanda Ltd. ma tirritornax is-*safes*.

L-ewwel Qorti ma kellha ebda kompetenza la li tvarja s-sentenza ta' din il-Qorti, u lanqas li timponi kondizzjonijiet zejda (terminu ta' sentejn) ghall-esekluzzjoni ta' l-istess; u darba rrizulta li s-socjeta` Lukanda Ltd. ma rritornatx is-*safes* fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tas-sentenza, u ma ngabitx prova ta' forza magguri in difesa, it-talba tas-socjeta` Lukanda Ltd. kellha tigi michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet, premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` Combinations Ltd. billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti Lukanda Ltd.

L-ispejjez kollha, jigifieri kemm ta' l-ewwel kif ukoll tat-tieni istanza, ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta` appellata Lukanda Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------